# Għabra

Rita Saliba

Kienet tiġi mal-għabra ta' nhar ta' Sibt. Nhar ta' Sibt l-għabriet kienu jinġemgħu kollha fil-kamra ta' barra, jagħmlu trejqa fil-merżuq tax-xemx li kien jittanta jidħol mill-portella tal-bieb ta' barra u jistennewha tasal.

Fost il-ġimgħa, il-portella ma kinitx tinfetaħ. Fost il-ġimgħa kien hemm bżonn li nlestu għall-iskola mingħajr tnikkir u logħob. Imma nhar ta' Sibt kollox kien jieħu vaganza. Il-ħornijiet tal-karozzi barra t-triq kienu jisktu. U l-ħsejjes li kienu jqajmuna kienu dawk tat-tpespis imqareb tal-għasafar, li lanqas huma ma kellhom skola nhar ta' Sibt. Il-kennies jinki bil-brix tal-ixkupa tal-lanżit taħt il-bankina u l-ložor fuq il-bjut tal-ġirien jibdew ifaqqgħu xi ċajta bejniethom. Id-dar kienet tieħu r-riħa tal-kejk għadu jinħema biex jittiekel aktar tard mat-te.

Kont niġri lejn il-kamra ta' barra, niftaħ il-portella u dlonk kienet tixgħel triq ta' għabra nebbiexa fuq rasi. Hekk kif naqbeż ġo fiha, l-għabra kienet tinferaq fi mrieżaq iżgħar, ħfief wisq biex naqbadhom f'idi, jiffurmaw toroq misterjużi ta' renji moħbija xi mkien fejn it-tfal li jistaqsu ħafna ma ħaqqhomx risposti. Ġieli staħbejtilha lill-għabra, jew nagħmel tabirruħi li m'iniex nagħti kasha u ninkiha jien bi tpattija. Imma minn taħt l-għajn, il-farkiet kienu jkunu qed jiżfnu tond u jiċċaqalqu u jgħidu fuqi. Imbagħad nistenna lilha tiġi bi mneħerha umdu mal-ħġieġa tal-bieb ta' barra, għajnejha mberrqin tipprova tagħmel sens milli qed tara.

"Ma! Ġiet tal-ġbejniet!" kont ngħajjat. Ma kontx nifthilha jien. Inħalliha ftit ieħor tħares ġewwa u nkun nista' nifli wiċċ it-tifla. Wiċċ imgermed u xagħar miġbur f'żewġ malji li x'aktarx ma nħallux għal xi jiem. Kienet tiffissa ħarsitha lejn dak il-merżuq ta'frak jaqbad id-dawl u jinbaram fl-arja. Kont nersaq f'rokna, nipprova naqta' x'kien ikun għaddej bejniethom, jekk kinux isemmuni magħha.

"Iva, tħallihiex barra!" kienet tiġi tfittex tifthilha l-mamà. It-tifla kienet tersaq lura minn mal-ħġieġ, mistħija, tgiddem difrejha. Fid-dawl ta' barra kienet tiċċara u r-raġġi tax-xemx jibdew jilagħbu ma' xagħarha mħabbel. Anke jien kont ninġibed lura. Stajt nilgħab magħha, nistedinha biex tibqa' ftit għandna kieku ma stħajtx minnha, għax kienet daqsi mit-tul u forsi miż-żmien. Tilbes l-istess ħwejjeġ, nhar ta' Sibt; libsa ċċangjata ħafifa bil-pontina mal-għonq, bil-qadd ftit 'il fuq għax kienet bdiet tiġiha qasira, b'żewġ bwiet meħjutin u rbattuti tajjeb biex tkun tista' żżomm xi bqija. Fix-xitwa kienet tilbes l-istess libsa b'ġerżi tas-suf maħdum bl-idejn. Jidher isaħħan. Iżda ma kienx biżżejjed biex ma jaqbadhiex is-seqi fis-swaba' ta' jdejha. Il-mamà kienet tiġi tiftaħ, f'id waħda żżomm kontenitur u flus eżatt u fl-oħra biċċa kejk għadha tfarrak imgeżwra ġo borża tal-karti.

"Attenta għax għadha taħraq," kienet twissiha l-mamà. Ma kinitx tħallina nieklu minnu meta l-kejk ikun għadu jaħraq u kultant kont ngħir għat-tifla li kienet idduq l-ewwel biċċa hi. Kont inkun għadni fis-sodda meta nisma' l-imgħarfa tal-injam tħawwad iz-zokkor mal-butir fl-iskutella tal-*istainless steel*. U dik ir-riħa tal-kejk għadu jinħema frisk kienet taqsamli qalbi. Il-kejk kien joħroġ mill-forn u jibqa' għall-wiri f'nofs il-mejda. Ma kienx permess induqu. Ried jibred. Kultant aktar kont nissuspetta li l-mamà kienet tkun tixtieq tibqa' tammirah ftit ieħor qabel jinqasam. Subgħajja kienu jikluni biex innittiflu ftit il-ġnub u ma kont niddejjaq xejn naħraq is-saqaf ta'ħalqi biex induqu l-ewwel waħda jien, li kieku stajt.

It-tifla kienet tilqa' l-flus fil-pala t'idha u tberrqilhom. U qabel tilqa' l-biċċa kejk, kienet tiċċassa għal ftit f'wiċċ il-mamà donnha qed taħseb jekk hix tassew għaliha. Qabel titlaq kienet tagħti daqqa t'għajn bis-serqa lejn il-kamra ta'barra. Lili kienet tinjorani, jew forsi ma kinitx tarani. Kont naf li mhux lili riedet tara. Kienet tkun qed issellem lill-għabra, tgħaddi l-aħħar ftehim sigriet ta' dinja li ma nafhiex. Imbagħad titlaq timbutta pramm mimlija ġbejniet fix-xorrox mgħottijin b'biċċa xibka bajda. Noħroġ nittawlilha minn fuq l-għatba tal-

bieb. Naraha titfa' l-kejk bl-għaġla ġo ħalqha u tlaqqat il-frak minn subgħajha. Inħalliha titbiegħed sakemm tiċkien u ddur wara l-kantuniera qabel nidħol lura ġewwa ħdejn l-għabra. Ġieli ħsibt jekk qattx saret traba hi u titlaq 'il bogħod. Jekk issirx waħda mill-għabriet li jidħlu kull nhar ta' Sibt fil-kamra ta' barra. U jien u ndur dawra mejt f'nofs l-għabra ġieli għalaqt għajnejja u nistħajjel li qed nisma' d-daħq iċempel ta' tfal li baqgħu jiċkienu sakemm saru partiċelli ħfief li ħadd ma jista' jaqbadhom.

Kont nagħmel ġimgħa sħiħa naħseb minn fejn setgħet ġiet it-tifla, fejn tmur meta ssir traba, x'logħob kienet tilgħab mal-eluf, miljuni ta' trabiet leqqiena, jekk qattx telgħu sal-istilel billejl jirrakkontaw dwar ġrajjiet ta' nies fix-xemx u dawl għammiexi. U ħlomt ħolm sabiħ, ta' meta nintelaq mal-għabra u ninġarr magħha fi mrieżaq ta' raġġi xemxija, nieklu kejk għadu sħun u nlaqqtu subgħajna. U t-tifla tibda tberraq lejja, tagħtini idha u titbissimli. Tgħidli li nista' mmur meta rrid magħhom, basta ma ngħid lil ħadd. Inwegħedha li nżomm kollox sigriet bit-tama li nibqa' naraha kull nhar ta' Sibt.

Il-ħwejjeġ tas-Sibt ħriġt minnhom. Ġieli ħsibt kemm il-libsa tat-tifla saret tiġiha iqsar. U meta ma baqgħetx tiġi tħabbtilna, għaddieli minn moħħi li ma sabitx aktar x'tilbes għal nhar ta' Sibt. Bil-mod il-mod bdejt ninsa l-għabra ta' tfuliti. Kelli wisq aktar fuq xiex nitfa' moħħi. L-iskola tqalet, b'aktar xogħol li jrid isir is-Sibt ukoll. Donnha l-għabra ma tibqax tiġi meta nibdew nikbru u ntaqqlu moħħna b'kull xorta ta' taħriġ u kliem stampat. Il-kejk baqa' jinħema kull nhar ta' Sibt filgħodu u bdejt induq l-ewwel biċċa jien. Kien ikolli mitt sena sakemm jinqasam. Bilkemm kont intih ċans jibred. U jien u nlaqqat il-frak għadu frisk kont niftakar fiha. Xtaqt nerfagħha lilha l-ewwel biċċa għadha taħraq. Xtaqt nara kemm kibret, niftħilha l-bieb jien stess u nistaqsiha jekk qattx indunat bija. Setgħet indunat li qed nissindikaha hi u titkellem fis-skiet mal-għabra, ħadet għaliha u aktar inġibdet minni.

Wara ftit, quddiemna nbena bini għoli li dellel il-faċċata tad-dar tagħna. Ix-xemx ħadet l-għabra f'dar ta' ħaddieħor wara li telqet mingħandna. Il-portella tal-bieb ta' barra bdiet titbexxaq għal ftit dawl u għamilnielha purtiera tal-bizzilla għal naqra privatezza. Ix-xogħol fuq il-bini għoli radam il-ħoss tal-knis mill-ixkupa tal-lanżit mat-tarmak u t-tpespis imqareb tal-għasafar indifen qalb il-ħsejjes tal-inġenji mqabbdin fit-triq. It-trabijiet mill-bini bdew iniġġsu l-arja u l-portella ngħalqet darba għal dejjem bit-tama li ma jidħolx trab tal-

franka ġewwa. Ma kien xejn trab li jiżfen, iżda trab tqil, li jħammar l-għajnejn u jqabbad l-irritazzjonijiet. It-trab dam snin jidħlilna d-dar, jinkines kuljum u l-art titbaħbaħ biex forsi jonqos xi ftit.

Illum, id-dar li kont ngħix fiha saret uffiċini b'bibien kbar bla portelli. Xtrajt appartament fil-għoli fl-istess triq. Ħġieġ għandi kemm trid u d-dawl jidħol f'kull kamra. Nitlaq għax-xogħol qabel ikun sebaħ sew. Nhar ta' Sibt, meta ma nkunx xogħol, infittex l-għabra tiżfen f'merżuq, iżda għandi ma ġiet qatt aktar. Inħares 'l isfel lejn it-triq u minflok għabra dehbija nilmaħ sħab griż ħiereġ mill-karozzi għaddejjin u nies mexjin mgħaġġlin jgħattu ħalqhom. Ma smajtux aktar id-daħq tat-tfal li saru għabra, meta nagħlaq għajnejja. Iżda meta niftaħhom ġieli lmaħt tifla iċken mill-bqija tal-folla quddiem l-entratura tal-appartamenti fejn noqgħod, tgerrem difrejha u tistenna l-bieb jinfetaħ.